Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MIZZI

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2005

Numru. 301/2005

Il-Pulizija
(Sp Joseph Agius)
vs
Al Jolsi Ahmed Ibrahim Mohammed, imwieled
Il-Ġordan fl-1 ta'
Settembru, 1973

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fit-22 ta' Lulju, 2004 għal ħabta tat-8.45 a.m. fi Triq il-Qadi, Żejtun saq vettura tal-għamla Ford Orion, bin-numru tar-reġistrazzjoni JAM 736, b'manjiera perikoluża fid-direzzjoni ta' Salvatore Spagnol miż-Żejtun;
2. talli volontarjament, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Salvatore Spagnol f'perikolu ċar, ikkaġunalu feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna tiegħu, kif

iċċertifika Dr. C. Fava tal-Cospicua Health Centre, billi laqgħtu bl-istess vettura.
Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tiġi sospiża l-liċenzja tas-sewqan ta' l-istess Al Jolsi Ahmed Ibrahim Mohammed.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' mejju, 2005 fejn Salvatore Spagnol ħafer lill-imputat u irtira l-kwerela.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' mejju, 2005 fejn il-prosekuzzjoni nfurmat il-Qorti li ma għandhiex provi xi tressaq.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkużi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------